GUDJA

Minuti tat-tieni parti tas-sbatax-il laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis 05 t'Awwissu 2010.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri; | Osvaldo Pace u Anthony Dalli |
| Skużat: | Kunsillier; | Mark Anthony Sammut |

Agenda:

1. Approvazzjoni ta' minuti – 16/6 (28/06/2010)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsillieri

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Ftehim fuq bażi PPP mal-Gudja United Football Club

5. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

6. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.45p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha.

Tkomplija tal-laqgħa nru 17/6 item 3 – Rapporti, item 5.3 – Talbiet għal xiri u xogħlijiet, u item 6 – Għeluq tal-laqgħa.

**3.0 Rapporti**

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Triq Sta Katarina ma' Triq San Ċiru Gudja. Il-Kunsill iddiskuta l-possibiltajiet li din il-arit tat-triq tkun aktar sigura kemm għal min juża din it-triq kif ukoll għall-protezzjoni tal-proprejta.

3.1.2 Dawl fil-football ground. Is-Sur Baldacchino qal illi l-ground fl-inħawi ta' Bettina jinsab fid-dlam peress li hemm ħsara fil-cable ta' l-Enemalta. Il-Kunsill qabel li jieħu passi meħtieġa sabiex dan id-dawl jiġi rranġat bla dewmien.

3.1.3 Wire tat-telefon fi Triq Ħal Resqun Gudja. Is-Sur Dalli qal li hemm bżonn li dan il-wire jiġi rappurtat lil kumpanija Go peress li jinsab mitluq fl-għalqa u jekk jinqata ħafna wires jispiċċaw bla servizz tat-telefonija.

3.1.4 Skips ta' l-iskart domestiku. Is-Sur Baldacchino qal li qed jinsisti mal-kuntrattur ta' dawn l-iskips sabiex jinħaslu peress li fis-Sajf l-iskart jintenn malajr.

Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jikteb lill-Awtorita tal-Biċċerija sabiex jesplora x'servizz jista' jingħata meta annimali mejta jiġu mormija f'dawn l-iskips.

3.1.5 Ilmenti oħra. Il-Kunsill ħa nota tal-lista tal-ilmenti u qabel li fejn meħtieġ il-Kunsill għandu jużu pressjoni sabiex kull inkonvenjent jipsiċċa malajr kemm jista' jkun.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar l-ittri li ntbagħatu u qabel li jkompli jsegwi u juża pressjoni kif ikun meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Attivita fuq skala kbira ġewwa l-Gudja – The Beatles Tribute – nhar il-Ġimgħa 24 ta' Settembru 2010. Il-Kunsill iddiskuta l-kontenut tal-email mibgħuta mis-Soċjeta Filarmonica La Stella datata 16 ta' Lulju 2010 u qabel li filwaqt jitlob aktar tagħrif dwar il-ħinijiet u kontenut ta' din l-attivita jasisti fl-amministrazzjoni pubblika u l-ħarsien ta' l-ambjent u iġene waqt din l-attivita.

Il-Kunsill qabel li jipprovdi servizz ta' kenniesa u li t-toilets jibqgħu miftuħin. Is-Sur Baldacchino qal li kien sejjer jaħdem mal-GreenPak sabiex jinkisbu bins li jkunu siewja waqt din l-okkażjoni.

Il-Kunsill qabel ukoll li jidħol għal kiri ta' erba' mobile toilets sabiex tinżamm l-iġene meħtieġa.

Il-Kunsill qabel ukoll illi jitlob l-għajnuna tal-Pulizija dwar il-barriers.

Dwar permessi u ambulanzqa l-Kunsill jaqbel li dawn ikunu responsabilita tal-organizzaturi.

3.3.2 Toqob għal-logħob tan-nar. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' l-ittra datata 03 ta' Lulju 2010 dwar post alternattiv u dwar it-tip u ammont ta' logħob meħtieġa u qabel li r-rappreżentanti tal-Kunsill jiltaqgħu flimkien mad-diriġenti tal-każini tal-baned (Soċjeta Filarmonica La Stella u Għaqda Mużikali Marija Assunta) sabiex jiġi diskuss u organizzat pjan ta' ħidma kif meħtieġ.

Il-Kunsill qabel ukoll li dawn it-toroq ikunu taħt l-amministrazzjoni assoluta tal-Kunsill

3.3.3 Memo 95/2010. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din l-memo u qabel li jikkonsidera dan konnessjoni mal-organizazzjoni tal-Villaġġ tal-Milied ġewwa l-Gudja.

3.3.4 Memo 93/2010. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-memo u qabel li jikkonsidera dan konnesjoni mal-programm taċ-Ċentru ta' Taħriġ li qed jiġi organizzat mill-Kunsill.

3.3.5 email li turi li l-ġibjuni huma tal-Kunsill. Il-Kunsill għamel diskussjoni dwar li l-ilma ta' dawn il-ġibjuni qed jintuża kemm mill-pumpieri kif ukoll mill-kumpanija ELC.

Il-Kunsill qabel li ssir riċerka ta' min juża dan l-ilma u dwar li għandu jisir kuntatt ma' tal-Fire Engines qabel jingħalaq xi ġibjun.

Għandu jsir ukoll studju dwar bye-law meħtiġa jekk il-Kunsill ikun irrid jibda jitlob ħlas għall-ilma mill-ġibjuni ġewwa l-Gudja.

3.3.6 Memo 112/2010. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-memo u qabel li jikkonsidera dan konnesjoni mal-ħidma tal-Kunsill.

## 5.0 Finanzi

5.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

5.3.1 Kisi tal-art tat-Teatru Grieg Ġnien Raymond Caruana Gudja. Is-Sur O Pace talab u l-Kunsill qabel li tingħata kisja konkos kif meħtieġ sabiex dan il-lok ikun jista' jintuża fl-attivita ta' Drama Sajf.

Il-Kunsill qabel ukoll li jinzebagħ t-taraġ biż-żebgħa ħadra.

5.3.2 Ġnien 31 ta' Marzu. Il-Kunsill qabel li jitlob lil Perit tal-Kunsill sabiex dak il-lok jiġi rranġat kif mixtieq u li terġa ssir l-arma antika tar-Repubblika ta' Malta kif tpoġġiet oriġinalment meta kien ġie inawgurat dan il-ġnien żgħir.

5.3.3 Tindif tal-bitħa fil-bini tal-Kunsill. Is-Sur A. Dalli talab li jiġu assenjati żewġ ħaddiema sabiex titnaddaf il-bitħa u t-toilet t'isfel ta' taħt it-taraġ.

5.3.4 Tabelli ġewwa l-Gudja. Il-Kunsill qabel li jsir studju dwar l-istat tat-tabelli ġewwa l-Gudja u dwar it-tabelli meħtieġa.

5.3.5 Expense claim lill-Carmelo Vassallo. Il-Kunsill ikkonsidra l-fatt lis-Sur Carmelo Vassallo juża l-karozza privata tiegħu sabiex iġorr materjal u għodda sabiex jitwettaq ix-xogħol. Il-Kunsill qabel li dan il-ħaddiem jingħata refund ta' 'expense claim' dwar konsum ta' fuel u spejjeż oħra konnessjoni mal-ġarr f'isem il-Kunsill sa massimu ta' €50.00 fix-xahar u dan b'seħħ mill-ewwel ta' Settembru 2010.

5.3.6 Xiri ta' bexx għal Palm. Fuq talba tas-Sur R. Baldacchino il-Kunsill qabel li jinxtara bexx bħal dak li kien nxtara s-sena li għaddiet.

5.3.7 Kiri ta' garage/store għall-użu tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li joħroġ offerti għall kiri ta' garage/store bi spazju adekwat għall-workshop għall-ħtiġijiet tal-Kunsill u din il-kirja għandha ssir fuq bażi ta' sena sena.

## 6.0 Għeluq tal-laqgħa

6.1 Protocol għall-Kunsill. Is-Sur A. Dalli qal li jkun xieraq li f'kull okkażjoni li fiha jkun mistieden jew mistenni li jiġi fl-attivita tal-Kunsill xi Ministru, Segretarju Parlamentari jew Deputat Parlamentari f'siem il-Ministru jew Segretarju Parlamentari, l-Kunsill għandu jassikura li għal din l-okkażjoni

jiġi mistieden ukoll il-kelliemi ta' l-oppożizzjoni li jkun responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan u qabel li din id-deċiżjoni tidħol ukoll parti mill-protocol tal-Kunsill.

6.2 Il-Laqgħa li jmiss sejra ssir fil-31 t'Awwissu 2010 fil-5.30pm fuq Agenda li tiġi kommunikata lill-Kunsillieri kollha aktar il-quddiem.

6.3 Il-laqgħa spiċċat fit-8.30p.m.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: __________________